MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 07 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 1366/1998/1

**Victor Borg f'ismu proprju u bhala prokuratur ta' Giovanni Borg, Carmelo Borg u Emmanuele Borg u Joseph Borg f'ismu proprju**

**Vs**

**Mary Cauchi u b'digriet tad-29 ta' Lulju, 1998 il-Qorti hatret lil Dr Beppe Fenech Adami LL.D. bhala Kuratur Deputat biex jirraprezenta lill-assenti Carmela Galea u Pauline sive Polly Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur pro et nomine talab sabiex il-konvenuta et nomine jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jersqu ghat-trasferiment tas-senter tal-marka No 15778 a favur l-attur Joseph Borg u fin-nuqqas jigu nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-konvenuti f'kaz tal-kontumacja.'

Ai finijiet tal-kompetenza il-valur tas-senter ma jeccedix il-mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250).

Rat in-nota ta’ Mary Cauchi, il-konvenuta (a fol 6 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuratur Dr Beppe Fenech Adami li li biha eccepixxa illi huwa mhuwiex edott mill-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri.

Salv eccezzjoni ulterjuri jekk u kemm il-darba jigi infurmat dwar il-fatti ta’ dan il-kawza.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Mary Cauchi pro et nomine (fol 11 ibid) u li biha eccepiet:

1. Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana stante li s-senter bin-numru tar-registrazzjoni numru 15778 mhux propjeta tal-atturi izda huwa propjeta ukoll tal-eccipjenti u dana wara l-mewt ta’ John Mary Borg li miet fil-25 ta’ Novembru 1993 u li ghalhekk it-trasferiment ta’ l-imsemmija arma ma jistghax isir kif mitlub mill-atturi fl-avviz fl-ismijiet premessi.

Salv eccezzjonijiet ohra

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-attur <u>Joseph Borg</u> (fol 14 u 46 et seq ibid xehed u jsostni li hu kien xtara s-senter in kwistjoni, minghand in-nannu tieghu matul l-1993, bil-prezz ta’ Lm30. Wara li kien miet nannuh, kienet saret, u giet iffirmata, skrittura aventi bhala partijiet l-istess attur u Victoria Borg, mart l-istess nannu (ara l-annessa skrittura markata Dok JB1 a fol 21 tal-istess atti). Mill-kopja tal-istess skrittura annessa u ddikjarata bhala vera kopja maghmula mill-original, jidher li l-attur kien qed jiddikjara li hu akkwista is-senter minghand nannuh waqt li nannitu ormai mejta ukoll kienet accettat li hu kien ha l-istess senter bil-kunsens taghha. L-attur kompla jghid li bejnu u nannuh ma kienetx

saret skrittura izda dan kien ikkonsenjalu l-hekk imsejjha sensja. Inoltre hu kien mar akkumpanjat mill-istess nannuh u missieru, fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Mellieha sabiex l-oggett in kwistjoni jigi registrat f'isem l-attur. Dan pero' ma setax jsir ghax hu ma kienx ghadu ghalaq il-21 sena bhala eta. Ghalhekk is-senter kien inzamm minn nannuh bl-attur, pero' jaghmel, hu stess il-manutenzjoni tieghu. Wara li hu kien ghalaq il-21 sena meta l-istess nanniet kienu, fil-frattemp, mietu hu kien rega' mar ghand il-Pulizja ghall-istess skop. Hawnhekk hu kien gie infurmat li kellu bzonn "il-firem tal-werrieta kollha" In rigward dan pero, certi mill-werrieta ma kienux irrispondewh meta talabhom sabiex l-istess senter jigi registrat fuq ismu. Filfatt certi mill-istess werrieta kienu qalulu u allegat fil-konfront tieghu li "kont sraqtu".

Illi l-attur nomine Victor Borg missier Joseph Borg, fis-sustanza, kkonferma (fol 22 et seq ibid) dak kollu li, xehed l-istess ibnu (ara ukoll ix-xhieda ta' John Borg moghtija permezz ta' "affidavit" li jinsab a fol 28 tal-atti).

Illi Carmel Louis Borg, permezz, ukoll ta' affidavit a fol 31 sa fol 33 ibid) xehed li d-dikjarazzjoni gja msemmija u li tinsab a fol 21 tal-atti kienet saret fil-presenza tieghu. Inoltre hu sostna li Victoria Borg, in-nanna ta' Joseph Borg, kienet ikkonfermat li l-istess Joseph Borg kien akkwista s-senter in kwistjoni minghand zewgha, Gio Maria Borg, bil-prezz ta' Lm30.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher a fol 42 u a fol 50 tal-atti, xehdet il-konvenuta Mary Cauchi permezz ta' affidavit u kontro esami. Din stqarret li missierha, l-imsemmi Gio Maria Borg, qatt ma kien informaha li kien ta' s-senter in kwistjoni lil huha Victor jew lin-neputi taghha, Joseph. In rigward l-istess oggett, dan kien ghadu fid-dar ta' missierha sakemm dan kien miet. Izda jumejn wara l-mewt ta' dan "… s-senter ma sibniehx hawn". Meta tkellmet ma ommha, Victoria, dan kienet qaltilha "li s-senter kien hadu Victor u Joseph".

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati u analizzati l-provi in esami ghandu jinghad:-

a) Ma hemm ebda dubbju li l-oggett in kwistjoni kien gie akkwistat minn Joseph Borg b'titolu ta' vendita, u dan skond l-artikolu 1346 u 1347 tal-Kodici Civli. Difatti jidher li jissusisti bejgh komplet stante li kien hemm ftehim dwar l-oggett u l-prezz relattiv bejn il-partijiet, involuti, it-tnejn kapaci li jaghmlu tali ftehim.

b) In rigward dak li ghadu kemm gie premess, kien jispetta lill-konvenuti li jintavolaw azzjoni "ad hoc", anke permezz tal-procedura tal-hekk imsejjah "kontro talba" sabiex jimpunjaw il-validita' o meno ta' tali bejgh.

c) Ma jidhirx li, meta giet intavolata din l-azzjoni, li kien hemm xi ostakolu mill-lat umli, sabiex l-istess senter jigi registrat gew trasferit fuq isem il-kompratur u sid attwali, Joseph Borg, gja maggorrenni meta sar il-bejgh u li kien ghalaq di gja, 21 sena bhala eta.

Illi ghalhekk, it-talbiet attrici ghadhom jigu akkolti fic-cirkostanzi ingenti llum.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tordna lill-konvenuti sabiex sa zmien xahar millum, jersqu ghat-trasferiment tas-senter numru 15778 a favur l-attur Joseph Borg u fin-nuqqas qed jigi nominat l-Avukat Dottor Anthony Cutajar bhala kuratur sabiex jirrapresenta lill-konvenuti f'kaz ta' kontumacja.

Bl-ispejjes kontra l-istess konvenuti.

E Sciriha
Deputat Registratur